# AKTAR FUQ IL-KNISJA L-ANTIKA TAL-KUNĊIZZJONI FL-IMSIDA

Ir-riċerka tieħu bosta snin, aktar minn għomor ta' diversi ġenerazzjonijiet u għalhekk l-istorja ma tagħlaq qatt sakemm ma jispiċċax kulħadd u kollox. Aħna l-Misidjani nafu li l-knisja tal-Kunċizzjoni hi antikissima u mpossibli naslu biex insibu l-bidu tagħha għax kif in-nies kienu jfittxu għerien u jibdluhom f'dik li llum insejħulha 'dar', hekk ukoll għamlu meta wieħed mill-għerien kienu jiddedikawh għad-devozzjonijiet tagħhom u biex fih l-insara jiċċelebraw l-Ewkaristija. Hekk ukoll kienu l-knejjes tal-bidu. Sa tletin sena ilu, jiena stess kelli kuntatti ma' nies li kienu għadhom jgħixu f'għerien 'il ġewwa mix-Xemxija, u li l-akkwata kienet imsejħa wkoll 'L-Għerien f'San Pawl il-Baħar. Fil-limiti tar-Rabat, fil-qasam imsejjaħ 'Tal-Lunzjata' hemm knisja oħra troglodita - imħaffra fil-blat - barra dik iddedikata lill-Lunzjata. L-għar kien iddedikat lil San Leonardu. Dak magħruf bħala l-Grotta ta' San Pawl fir-Rabat, hu mizmum bħala l-ewwel knisja ta' Malta. Bħal dawn kien hawn izjed u b'xorti kbira baqá ftit minnhom.

Wara dak li ktibt fl-ewwel volum ta' l-istorja ta' l-Imsida jiena bqajt infittex fuq din il-knisja 'ż-Żgħira' u rnexxili nsib aktar tagħrif fuqha u ċert li sakemm inkompli nfittex nibqa' nsib il-ġdid. Nibda minn xi saċerdoti li kienu nkarigati minnha qabel dawk li diġá semmejt fil-ktieb. Għalkemm hu ċert li l-Imsida kienet parti minn Birkirkara, għal xi żmien il-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt kienet taħtar saċerdoti nkarigati mill-Viċi -Parroċċa tal-Florjana, kif ukoll oħrajn li jieħu ħsieb il-knisja tad-Duluri f'Tal-Pietá. Fix-Xatt ta' tal-Pietá kien hemm residenti u villeġġjanti mill-Belt li bnew dar quddiem il-baħar jew ma' l-għolja ta' Gwardamanġa. Għalhekk il-knisja tad-Duluri kienet attiva mhux ħazin u kien jiġi mgħallem il-katekizmu afdat f'idejn is-Sodalitá tad-Duttrina Nisranija mwaqqfa, madwar is-sena 1761, fl-istess Kolleġġjata.

Fid-diskussjonijiet li għaddew fl-1839, mas-Santa Sede, bejn il-Kolleġġjata ta' San Pawl tal-Belt u l-Kumitat imwaqqaf fil-Florjana, biex il-Florjana tinqata' mill-Belt u ssir parroċċa awtonoma, sibna kliem li juri li s-saċerdot maħtur għall-knisja tad-Duluri kien jieħu ħsieb ukoll il-knisja ta' l-Imsida u f'każ minnhom kellu wkoll inkarigu mill-knisja ta' Tas-Sliema.

*E che nel distretto Misida vi e' un altro vice-parroco, delegato anche dallo stesso Capitolo (S.Paolo) e domiciliato nella chiesa sotto il titolo del Concezione della Beata Vergine per amministrare notte e giorno i SS. Sagramenti nei limiti della parrocchia di San Paolo Naufrago, oltre i molti sacerdoti del clero secolare, che nel sobborgo sentono le confessioni.*

Dan juri li meta l-knisja tal-Kunċizzjoni saret viċi-parroċċa fl-1835, l-ewwel viċi kien mill-Kolleġjata ta' San Pawl tal-Belt. Minkejja n-numru kbir ta' saċerdoti li kien ikollhom ċerti parroċċi, ma kienx dejjem faċli taħtar saċerdot regolari għal xi knisja; x'aktarx minħabba l-manteniment ta' l-individwu. Qabel l-1670, il-knisja kellha dejjem prokuratur lajk biex imexxi d-devozzjoni u jorganizza l-festi. L-aktar fosthom li ħabbew il-knisja insemmu xi membri tal-familja Famuċelli - Dionisio u Antonio. Magħhom sibna lil ċertu Vincenzo Casha.Fl-1723 l-Isqof Gori Mancini ħatar lis-Sur Giovanni Maria Vassallo; l-isqof Labini ħatar lil Dun Orazio Sceberras fl-1781;Dun Antonio sceberras fl-1787 u lil Dun Francesco Sammut fl-1804.Dawn is-saċerdoti x'aktarx kienu jagħmlu parti mill-kleru tal-Kolleġjata ta' San Pawl tal-Belt u kienu nkarigati wkoll mill-knisja tad-Duluri f'tal- Pietá. Kellhom ir-residenza tagħhom f'parti mill-knisja ta' l-Imsida.Dun Francesco Sammut kellu wkoll il-kura tal-knisja f'Tas-Sliema.


FIRM

P. CAMILLERI

General Coffee Dealers

139, 142, ST NICHOLAS STREET,
VALLETTA VLT 02
Tel: 224116
243449
374280



L-isqof Mattei ikkonferma lil dan ta' l-aħħar sakemm fl-1820 ħatar lil Dun Antonio Micallef. Meta ntlaħaq ftehim mal-Prepostu tal-Kolleġjata ta' Birkirkara dwar il-manteniment tal-Viċi, dan beda jkun wieħed minn dik il-Kolleġjata. Ma nafux meta beda Dun Lawrenz Frendo Rossi J.U.D. mill-Isla, izda nafu li spiċċa fis-sena 1847. Dan x'aktarx kien inħatar direttament mill-isqof. Warajh sar Dun Kostantino Sant li dam sa l-1849 meta minfloku sar Dun Ġużepp Fenech li dam sa l-1858. Miegħu kellu lis-Sur Francesco Fiteni. L-oħrajn huma kif imsemmija fil-ktieb.

Kont semmejt li l-knisja tal-Kunċizzjoni kienet wieħed mill-ftit Santwarji Marjani f'Malta u dan jidher miktub f'diversi Viżti Pastorali ta' l-Isqfijiet kif ukoll minn mapep antiki fejn jissemmew is-santwarji Marjani kollha. Nibdew biex insemmu lil Andreoto Habela (Abela) li fl-1553 kellu qoxra tal-baħar (vascello) imsemmi 'Santa Maria Misida' u talab passaport (salvacondotto) lill-Gran Mastru La Sengle biex ikun jista' jbaħħar bih. Żgur li din hi l-aktar prova antika tad-devozzjoni lejn il-Madonna f'din il-Knisja ta' l-Imsida.

Xhieda oħra ta' dan huma l-fundazzjonijiet u legati ta' quddies imħollija lil din il-knisja-santwarju. Baldassarre Napoletano ħalla fondazzjoni - x'aktarx l-ewwel waħda - favur il-knisja ta' l-Imsida.




CYCLE WORLD LTD

128, Valley Road,
Msida, MSD 03.
Showroom:
Psaila Street,
Sta. Venera
Tel: 343564, 313013
Fax: 318877

Fl-1585 il-familja Napoletano kellu f'idejh b'ċens, il-Menqa ta' l-Imsida, izda l-fundazzjoni saret fl-atti tan-Nutar Paolo Zerafa li, skond dak li nkiteb, dan ħadem ta' Nutar bejn l-1656 u 1685. Fundazzjoni oħra tħalliet minn Bartolomeo Galea minn Ħaż-Żebbuġ, li ħalla ħamsin skud f'idejn Famucelli biex l-imgħax tagħhom imur għall-ispejjeż tal-knisja. Dan sar fl-atti tan-Nutar Pietro Attard fil-25(15) ta' Marzu 1678. L-akbar fundazzjoni saret mill-Balliju Fra Wolffgang Philip, Baruni ta' Guttenberg, b'fondazzjoni ta' quddies minbarra l-ħafna opri li għamel fil-knisja. Kien diġa għal xi zmien iħallas għall-quddies tal-Ħdud u l-festi, iżda wara li talab il-kunsens tal-Gran Mastru, ħalla s-somma ta' 550 skud fl-atti tan-Nutar Giuseppe Callus fit-30 ta' Settembru 1731, biex bid-dħul tagħhom tkun tista' ssir quddiesa fil-Ħdud u l-Festi kollha ta' matul is-sena. Il-Baruni miet fl-1733. Irħama b'iskrizzjoni li tfakkar din il-fundazzjoni tinsab fl-istess knisja. Fit-talba li għamel lill-Gran Mastru l-Balliju jgħid li l-knisja hi frekwentata minn ħafna nies ta' l-irħula madwarha u kienet fqira għall-aħħar.

Meta Mons. Agius de Soldanis jitkellem fuq il-knejjes ta' Malta jsemmi din il-knisja tal-Kunċizzjoni u jgħid hekk:


A full service of printing on T-shirts, stickers, caps, biros & give aways

AF Services

THE SILK SCREEN PRINTERS

Visit or call us for more details!

West Street, Msida MSD 06, Malta.

Tel: (356) 312257, 312281 • Fax: (356) 312256

**Della Concezione ossia della Misida da S. Venera distante un miglio in circa che viene fabricata nel fondo cioe' dove finisce il-Porto di Mansamuscetto,ha qualche capitale come in atti di Paolo Attard li 15 Marzo 1678.Dal B. de Brandeburg nel 17 (30) perfezionata a' comodo del popolo.**

Sena wara, Giuseppe Borg mill-belt Valletta ħalla, fit-testment tiegħu, żewġ ġonna bejn l-Imsida u Birkirkara biex bid-dħul minnhom isiru quddies, ukoll, fil-Ħdud u fil-Festi. Dan sar fl-atti tan-Nutar Giovanni Grech fid-19 ta' April 1732. Dan juri li fil-Ħdud u fil-Festi kienet issir aktar minn quddiesa waħda. Billi l-valur tal-flus għola ħafna f'qasir żmien, dawn il-fundazzjonijiet ġew fix-xejn. F'parti oħra tal-knisja, qrib il-bieb ta' garigor li jwassal sal-gallerija fuq il-portiku, hemm lapida tal-lava li turi xi fundazzjoni oħra. Izda, billi l-lapida skollat, ftit li xejn tinqara u rnexxielna naqraw isem, x'aktarx tan-Nutar Pietru (Pawl) Pace u s-sena 1693. Minkejja t-tiftix li għamilna, għadu ma rnexxilniex insibu x'kienet tfisser.

F'dawk is-snin il-knisja kienet mimlija daqs bajda bi kwadri ta' pittura u bi statwi. Ħafna minnhom intilfu u oħrajn inqerdu, l-aktar minħabba l-umdita' kbira li tezisti fil-knisja sal-lum. Iż-żewġ kwadri sbieħ li baqá kienu tħallsu minn nobbli Preziosi u kienu jagħmlu parti minn sett ta' sitta. Il-Balliju ta' Guttenberg kien ħallas għal xi wħud minnhom. L-istatwa tal-Kunċizzjoni li hemm wara l-artal saret b'wegħda minn Antonio Famucelli, eżatt wara li għaddiet il-pesta, magħrufa bħala 'ta' Mattew Bonnici', li damet bejn l-1675 u l-1676. ... *ikompli f'paħna 22* ...

**CORONATION CANDLES LTD.**

CORONATION EST. 1925

**CANDLE MANUFACTURERS & GENERAL MERCHANTS**
**'CORCAN', MDINA ROAD, ZEBBUG**
**TELEPHONE: 461320 - 460306**

***<u>Donazzjoni tal-Organi :</u> Dawn il-formoli għad-donazzjoni tal-organi jistgħu jinkisbu minn għand l-Editur tal-Fuljett "Id F'Id" , Triq il-Knisja, Msida.***

... minn paġna 11

Fl-irkejjen ta' l-istess ħajt kien hemm ukoll żewġ statwi kbar tal-ġebla Maltija li jirrappreżentaw lil San Pawl u lil San Ġwann Battista. Tnejn oħra, li jirrappreżentaw lil San Bastjan u lil San Rokku, kienu ħdejn altar ieħor. Sibna wkoll li, wara li għaddiet dik il-pesta qalila, f'kantuniera ta' Triq il-Wied kienet saret, b'ringrazzjament, statwa ta' San Rokku.

Il-festa tal-Kunċizzjoni kienet issir f'Diċembru u għaliha kienu jiġu nies minn kullimkien, speċjalment mill-Belt u l-irħula tal-qrib. Wara l-1725 iż-żona ta' madwar il-knisja mtliet bi djar u ħafna bdew joqogħdu hemm. Xi wħud, fosthom professjonisti li ħallew il-Belt u bnew dar f'dawk l-inħawi. Oħrajn, għonja u nobbli, kellhom villa fuq ix-xaqliba ta' Misraħ il-Barrieri u għalhekk kienu qrib din il-knisja ta' l-Imsida.


I I
Panegirico In Idioma 17.
maltese Sopra l'Immacolata Concezione
Di Maria Vergine Madre di Dio —
Fatto nella Chiesa dell'Imsida Dedicata
in onor della med. Imm: Concez:
Adi 8. Decembre, giorno di Martedì ad
ore 9. dell'anno 1739. Dal Chierico Sg
Sav: Mifsud Maltese

## *Il-festa t-tajba lil kulħadd*

Sibna wkoll tagħrif tal-festa li saret fl-1739, meta għall-festa ġie mistieden il-Kjerku Avukat Ignazio Saverio Mifsud biex jagħmel il-paniġirku. Mifsud twieled fil-Belt fl-1722 u kien bniedem magħruf ħafna f'Malta fil-qasam letterarju flimkien ma' oħrajn, fosthom Mons. Agius de Soldanis u Patri Pelagju. Bi zball xi ħadd ħallat lil Mifsud ma' Patri Pelagju. Dawn mhumiex l-istess persuna għalkemm Ignazio Saverju, li miet fl-1773, indifen fil-kannierja tal-Patrijiet Kapuċċini tal-Floriana.

Fost il-ħafna kitbiet li ħalla l-Kjerku Mifsud, insibu manuskritt bi ftit mill-priedki tiegħu u fosthom hemm waħda li għamel fil-knisja tal-Kunċizzjoni fl-Imsida fl-1739. Din kienet bil-Malti. Is-Sur Joe Zammit Ciantar għamel studju letterarju fuq din il-priedka. Lilna jinteressana ngħidu dwar l-importanza li fil-festa tal-Kunċizzjoni fl-Imsida kienu jinkarigaw predikaturi mill-aqwa ta' dak iz-zmiem, bħal ma kien Mifsud, u jzidu mad-devozzjoni li semmejna li kien hemm f'din il-knisja. Minbarra dan nagħtu wkoll tweġiba lil dawk li jgħidu li l-lingwa Maltija ma kinitx tintuza ħlief biex jiftiehmu xi ftit nies bejniethom; u lil xi oħrajn li jaħsbu li qatt ma kienu jsiru priedki bil-Malti. Meta fil-knisja kienu jattendu dawk li nsejħulhom 'il-popolin', għax ma kinux jafu skola, is-saċerdot kien jitkellem bil-Malti, għalkemm il-quddiesa kienet tkun dejjem u kullimkien bil-Latin. L-istudjuzi, bħas-Sur Zammit Ciantar jogħxew jaraw il-Malti li kien mitkellem dak iż-żmien. Meta fil-knisja kien ikun hemm persunaġġ jew persunaġġi ta' skola, il-priedka kienet issir bit-Taljan u xi drabi jsiru tnejn: waħda bit-Taljan u oħra bil-Malti. L-istess Mifsud għandu priedki fl-istess post u fl-istess okkażjoni li saru kemm bit-Taljan kif ukoll bil-Malti.



E. Maistre

Stationery &
Rubber Stamp
Manufacturers

**162, Melita Street,
Valletta, VLT 10 -
Malta.**

Tel : 224888 Fax: 240412

Arthur's
Garage Ltd.

- Auto Elecrical Repairs
- Electrical Parts
- Battery Sales

**BORDIN STREET,
MSIDA.**

TEL: 246 201

Wara li ntemm il-flaġell tat-tieni epidemija tal-Kolera li laqtet lil Malta fl-1837, kien sar pellegrinaġġ bl-istatwa ta' San Publiju mill-Floriana sa l-Imsida organizat mil-Fratellanza ta' San Publiju. Din kellha l-kunsens tal-Kapitlu tal-Kolleġġjata ta' San Pawl Nawfragu tal-Belt, li ħa wkoll sehem fih, kif ukoll ta' l-isqof F. S. Caruana. Kienu sabu li l-epidemija bdiet mill-Florjana. Il-Viċi li kien imexxi l-Florjana dak iz-zmien f'isem il-Kapitlu ta' San Pawl kien Dun Franġisk Spiteri, izda irrizenja fl-1839.

Għad nistgħu nsibu aktar informazzjoni fuq din il-knisja fis-snin li ktibna fuqhom illum. Aktar tard qamu devozzjonijiet oħra Marjani f'Malta u dik tal-Kunċizzjoni fl-Imsida naqset, speċjalment wara li nbniet il-knisja l-ġdida, dedikata lil San Ġuzepp, għax il-poplu Misidjan flimkien mal-mexxejja tal-knisja, abbanduna l-knisja ż-żgħira u ntefa b'ruħu b'ġismu fuq il-Knisja 'il-Kbira'.

Billi l-knisja l-ġdida kienet nieqsa minn kollox, ħafna oġġetti ttieħdu mill-knisja l-qadima għall-ġdida. L-iżgħar qanpiena li hemm fil-kampnar llum, xogħol ta' Ġulju Cauchi fl-1875, kienet fil-knisja tal-Kunċizzjoni.

*Fr. Joe Calleja*